MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.

## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2014

Rikors Numru. 81/2011

**Carmelo Axiaq (ID23330G) u wara l-mewt tieghu l-atti kienu legittimati f'isem Charles Axiaq, Francis Axiaq u Virginia Atkins b'digriet tal-Bord tal-lum 22 t'Awissu, 2012**

**vs**

**Anthony Taliana (ID No. 38554M) u martu Anne Taliana (ID No. 817056M) ghal kull interess li jista jkollha**

Il-Bord:

Ra r-rikors promutur li jghid hekk;

1. Premess illi nhar is-26 ta' Lulju, 2011 ir-rikorrenti gew notifikati b'mandat ta' zgumbrament hawn anness Dokument "A" insegwitu ghall-rikors intavolat quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera fl-ismijiet 'Carmelo Axiaq vs Anthony Taliana et' rik numru 55/2010 Dokument "B";

2. Premess illi r-rikorrenti qatt ma gew innotifikati bl-atti tar-rikors intavolat quddiem il-Bord u saru jafu bil-procedura biss meta huma gew notifikati bil-konsegwenti mandat ta' zgumbrament;

3. Peress illi jirrizulta anke mill-atti tar-rikors illi effetivament ghalkemm l-intimat talab l-affissjoni u l-pubblikazzjoni tar-rikors promutur, l-affissjoni qatt ma saret mar-residenza tal-esponenti – ara Dokument "C" riferta hawn annessa;

4. Premess illi minkejja dan l-Bord tal-Kera kompla bil-kawza billi sema' ix-xhieda u iddecida l-kawza;

5. Premess illi ghalhekk l-esponenti ma kellhomx l-opportunita' li jiddefendu l-posizzjoni taghhom u jirrizulta manifestament li l-atti huma afflitti minn zball ta' procedura billi l-procedura ta' affissjoni ma gietx segwita;

6. Premess illi r-rikorrenti qed isejsu it-talba taghhom ta’ ritrattazzjoni a bazi tal-Artikolu 811 (b) tal-Kap 12 u cioe’ n-nuqqas ta’ notifika bl-atti tar-rikors u peress li huma ma dehrux quddiem il-Bord, kif ukoll a bazi tal-Artikolu 811(1) tal-Kap 12 peress li is-sentenza hija effetti minn zball li jidher manifestament fl-atti;

7. Premess illi ghalhekk ir-rikorrenti ma kellhomx smiegh xieraq;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija l-esponenti umilment jitolbu sabiex dan l-Onorabbli Bord:

1. Thassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza tat-13 ta’ Gunju 2011 moghtija mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-ismijiet ‘Carmelo Axiaq vs Anthony Taliana et’ rikors numru 55/2010 Dokument “B” hawn anness;

2. Tordna konsegwentement ir-ritrattazzjoni u s-smiegh mill-gdid tal-kawza;

Bir-riserva ta’ kull dritt dwar smiegh xieraq.

Bl-ispejjez kontra l-intimati ingunti in subizzjoni.

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidra:

Illi dan huwa rikors promoss mill-intimati sokkombenti fil-kawza Rikors 55/2010 b’talba sabiex dik il-kawza tkun ritrattata fit-termini tal-artikolu 811(b) tal-Kapitolu

12 tal-Ligijiet ta' Malta. Ir-ritrattandi qieghdin jaghmlu din it-talba fuq il-premessa singolari li qatt ma kienu notifikati skond il-ligi fir-rikors originarju.

Il-fatti mressqa ghal-konsiderazzjoni ta' dan il-Bord huma essenzjalment inkontestabbli fis-sens illi dak li jirritjenu r-rittrattandi huwa stat ta' fatt li ma jistghax ikun negat. Huwa l-aspett legali ta' dak li jemergi mill-fatti li huwa kontestat. Ghall ahjar intendiment, tajjeb li jkun rikapitolat l-*iter* procedurali fil-kawza li taghha qed tintalab it-ritrattazzjoni. Ir-rikors numru 55/2010 fl-istess ismijiet quddiem dan il-Bord kien appuntat ghas-smiegh ghall-15 ta' Novembru 2010. F'dik is-seduta l-intimati ma dehrux ghaliex ma kienux notifikati u r-rikors thalla ghan-notifika taghhom ghas-7 ta' Marzu 2011 fid-9:00am bil-fakolta' moghtija lir-rikorrenti ritrattati sabiex jinnotifikaw lill-intimati ritrattandi bil-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni. Mir-riferti tal-Purtier Charles Cassar jirrizulta illi kopja tal-avviz u rikors twahhlu fl-ghassa tal-Pulizija Hamrun u fil-Kunsill Lokali tal-Hamrun izda ma twahhlitx kopja fl-indirizz tal-intimati ghaliex "ma sibtx Carmar fil-Pjazza 7 ta' Lulju 1919". Minkejja dan, il-Bord tal-Kera kif presedut ghadda biex jisma x-xhieda tar-rikorrenti ritrattati ghaliex qies illi l-intimati kienu debitament notifikati u ghadda ukoll biex prolata s-sentenza mertu tal-vertenza odjerna. Huwa ghalhekk illi fil-konsiderazzjonijiet odjerni dan il-Bord qed iqis dawn il-fatti inkontestabbli ghaliex dan huwa minnu u ma jistghax jinghad mod iehor;

Ir-ritrattati izda huma tal-fehma illi dan in-nuqqas mghandux igib fix-xejn is-sentenza tal-Bord tad-9 ta' Mejju 2011 ghaliex dan huwa aspett *de minimis* kif ukoll illi l-intimati ritrattandi kienu jafu bil-proceduri kontra taghhom. Issa, ezaminati l-atti tar-Rikors 55/2010 ma jidher mkien li l-intimati ritrattandi jew id-difensur taghhom kienu prezenti. Ir-ritrattati prezentaw tlett affidavits fil-procedura odjerna izda dawn frankament ma huma ta' ebda utilita' ghaliex ix-xhieda jitkellmu dwar l-fatt ta' nuqqas ta' uzu tal-fond meta dawn il-proceduri huma dwar il-validita' o meno tan-notifika fl-ewwel process;

L-artikolu 811(b) tal-Kap 12 jipprovdi ghall-eventwalita' ta' ritrattazzjoni fil-kaz li "r-rikors guramentat ma jkunx gie notifikat lill-parti telliefa, basta li din il-parti, ghad li ma tkunx giet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smigh tal-kawza". L-artikolu 187 tal-istess kapitolu imbaghad jipprovdi li f'kaz li n-notifika tkun awtorizzata li ssir permezz tal-affissjoni u pubblikazzjoni, ghandha, *inter alia*, titwahhal kopja tal-iskrittura mal-bieb ta' dik ir-residenza [tal-parti]. Dan evidentement ma sarx ghaliex il-Purtier ma sabx ir-residenza indikata mir-rikorrenti ritrattati u ghalhekk hemm element importanti li huwa nieqes sabiex jitqies li saret in-notifika fit-termini tal-artikolu 187 tal-Kap 12;

Il-Bord semgha x-xhieda tar-ritrattandi u kif dawn ghamlu zmien jghixu gewwa villeggjatura f'Bugibba minghajr ma ghamlu talba ghar-ridirezzjoni tal-posta taghhom mal-Maltapost. Minkejja dan, kienu ta' kull gimgha jaccedu fir-residenza taghhom biex jaraw jekk kienx hemm xi posta ghalihom. Il-fatt jibqa' illi din ir-residenza ghadha tezisti u li kien il-Purtier li ma sabx dan l-indirizz bil-konsegwenza li ma setghax iwahhal kopja tal-iskrittura kif jitlob tal-artikolu 187 Kap 12. R-Rikorrenti ritrattati ghamlu referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Edward Cassar vs Francis Sammut Citaz 77/2010 deciza fit-12 ta' Frar 2004 in sostenn tad-difiza taghhom. Dik is-sentenza izda ma tistghax titqies bhala luminanti ghall-kaz hawn skrutinat ghaliex dik kienet kawza ghal-ritrattazzjoni bazata fuq l-allegat otteniment ta' sentenza fuq il-qerq ta' wahda mill-partijiet, igifieri taht id-dispost tal-artikolu 811(a) tal-Kap 12. Dan il-Bord, izda jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell kollegjali fl-ismijiet **Iris Vella et vs Joyce Micallef tad-29 ta' Mejju 1995** fejn il-fatti ghandhom somiljanza mal-fatti in speci fil-kwistjoni hawn devoluta. F'dik is-sentenza l-Qorti ssenjalat l-importanza li jkun hemm adezjoni rigoruza tar-rekwiziti fil-procedura tan-notifika bl-affissjoni tal-atti fejn il-Qorti laqghet l-appell tal-parti sokkombenti li l-affissjoni saret fuq post mhux dak indikat mill-appellata. Ghalhekk kien deciz li qatt ma saret affissjoni fil-post fejn toqghod l-appellanti f'dik il-kawza. Dan il-Bord ma jarax li ghandu jiddeciedi mod iehor.

Ghal dawn il-motivi l-Bord qed jilqa’ t-talba tar-ritrattandi Anthony u Anne Taliana u qieghed ihassar, jannulla u jirrevoka s-sentenza tieghu tat-13 ta’ Gunju 2011 fl-ismijiet Carmelo Axiaq vs Anthony Taliana u martu Anne Taliana ghall-kull interess li jista’ jkollha – Rikors RRB 55/2010 u konsegwentament jordna s-smigh mill-gdid ta’ dik il-kawza.

L-ispejjez ta’ din l-istanza ghandhom ikunu sopportati mir-ritrattati.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------